# Il-Polemika dwar l-Ewwel Banda Żebbuġija

**Philip Balzan – Asst. Segretarju u PRO**

***f'isem il-Kumitat tal-Banda San Filep***

Huwa fatt magħruf li ġo Ħaż-Żebbuġ teżisti polemika dwar liema banda twaqqfet l-ewwel jekk hix il-Banda San Filep jew il-Banda De Rohan. Għandu jkun ovvju li kull argument dwar dan għandu: jkun ibbażat fuq fatti li jistgħu jiġu ppruvati; jagħti każ tal-fatti u tad-dokumenti kollha u mhux jinjora wħud minnhom għax ma jkollux risposta komda għalihom; u għandu jsir fi spirtu ta' tfittixja għall-verità u mhux b'inkejja għal ħaddieħor.

Kważi ta' kull sena fil-ktejjeb li joħorġu ż-żewġ baned fl-okkażjoni tal-festi ta' San Filep u ta' San Ġużepp jidhru kitbiet dwar din il-polemika. Jekk wieħed jifli l-kitba li dehret fil-ktieb tal-festa 2004 ta' San Ġużepp ta' Ħaż-Żebbuġ bit-titlu *L-Ewwel Banda fl-1860* u li jittratta dwar dan is-suġġett, issib ripetizzjoni ta' l-istess argumenti li kienu nġabu kemm-il darba oħra fis-snin ta' qabel, maħsuba biex jippruvaw jipperswadu lill-qarrejja li l-Banda De Rohan hija l-banda mwaqqfa minn Indrì Borg fl-1860 u allura l-ewwel banda ta' Malta. Min-naħa l-oħra l-Każin Banda San Filep regolarment jesponi l-fatti kif jirriżultawlu minn dokumenti awtentiċi – xi ħaġa li tinħass nieqsa fl-artiklu tal-każin l-ieħor.

Tajjeb li wieħed janalizza bil-kalma l-argumenti miġjuba biex wieħed jagħraf jagħżel il-fatti dokumentati mill-argumenti bla provi.

## Fuqhiex huwa bbażat l-argument tal-Banda San Filep?

(1) Fuq żewġ dokumenti awtentiċi li jinsabu fl-arkivju tal-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ: *Esito Venere Lampada* u *Registro Carità*. Dawn huma rendikonti uffiċjali ta' spejjeż minfuqa ta' kull sena, miktubin bl-id fuq żewġ reġistri distinti minn xulxin, mill-prokuraturi bl-iskop li jagħtu sodisfazzjon lill-parroċċa ta' l-amministrazzjoni tagħhom. Għalhekk wieħed jista' jorbot fuqhom għall-eżattezza ta' l-informazzjoni li fihom. Min kiteb dawn id-dokumenti lanqas ħsieb ma kellu li l-informazzjoni li ħarbex kellha xi darba sservi ta' prova dwar l-oriġini ta' banda. Dan ma jistax ħlief iżid il-valur tagħhom bħala dokumenti awtorevoli f'dan ir-rigward.

F'dawn iż-żewġ dokumenti:

(i) fil-perjodu bejn l-1851 u l-1860 jissemma almenu sitt darbiet Mro. Filippo Galea bħala dak li rċieva ħlas għal servizzi tal-*Banda di San Filippo*. Imbagħad mill-1861 minfloku beda jissemma Mro. Andrea Borg.

(ii) isem il-*Banda di San Filippo* jkompli jissemma regolarment anke wara l-1860 f'dawn ir-reġistri. Ta' min jinnota li ma jissemma l-ebda isem ta' xi banda oħra f'dawn ir-reġistri.

(iii) l-ammonti ta' ħlas li jidhru f'dawn iż-żewġ reġistri juru biċ-ċar li din il-banda kienet organizzata u ffurmata sewwa: il-prokuraturi ħallsu ferm iżjed milli kienu jħallsu qabel l-1851 lil xi nofs tużżana daqqaqa minn dawk li s-soltu kienu jdoqqu fit-toroq. Dan jidher l-aktar mill-ħlasijiet li kienu jsiru għas-servizzi tal-festa ta' San Filep li huma ogħla minn dawk tal-festa tal-Madonna tal-Karità.

(2) Lejlet il-festa ta' San Filep ta' l-1857 Mro. Filippo Galea sellef tliet trumbuni tal-banda tiegħu għad-daqq tal-mużika sagra fil-knisja.[1]

(3) Qabel l-1860, tħejja palk[2] għall-Banda di San Filippo u f'Jannar 1860 fir-reġistru ta' l-amministrazzjoni tal-knisja[3] jidher ħlas lill-mastrudaxxa Ġian Patist Gatt għal xogħol u spejjeż biex intrama dan il-palk tagħha għall-festa titulari! Altru milli l-*Banda di San Filippo* kienet xi waħda minn dawk il-baned żgħar mlaqqa' ta' malajr bejn erbat iħbieb!

(4) Dokument ieħor huwa ittra li l-Arċipriet ta' Ħaż-Żebbuġ Francesco Borg bagħat fit-3 ta' April 1864 biex jirringrazzja lis-Soċjetà tal-*Banda di San Filippo* għall-għajnuna li tat fil-ġbir ta' flus għall-istatwa ta' San Filep.
Mela din il-banda li kienet diġà msemmija hekk sa mill-1851 kienet għadha teżisti bħala organizzazzjoni attiva u ħabrieka u magħrufa b'dan l-istess iem anke wara l-1860.




(5) Anke lil hinn mid-dokumenti jeżistu ċirkostanzi li jsaħħu dak li jgħidu d-dokumenti. Hekk per eżempju, din il-polemika dwar l-ewwel banda f'Ħaż-Żebbuġ ma kinitx mill-bidu. Donnu li tqanqlet madwar tmenin sena ilu, li jiġi bejn wieħed u ieħor nofs l-età tal-Banda San Filep. Għal ħafna snin fost iż-Żebbuġin kollha (inklużi l-partitarji tal-Banda De Rohan) kien aċċettat bħala fatt bla ebda ħjiel ta' dubju li l-Banda San Filep kienet l-ewwel banda f'Ħaż-Żebbuġ. Dan xehduh f'intervisti li taw fi xjuħithom għadd ta' Żebbuġin li għexu bejn l-aħħar kwart tas-seklu dsatax u l-aħħar kwart tas-seklu għoxrin u li kellhom membri tal-familja fost l-ewwel bandisti jew fil-kumitati tal-bidu ta' din il-banda. Fost dawn insibu lil Filippu Azzopardi, Pawlu Chircop, Gawdenz Tanti u Kalċidon Mallia.
Ikomplu jikkonfermaw dan, l-istess partitarji tal-Banda De Rohan, li biex jinku lil dawk tal-Banda San Filep kienu jkantawlhom:

*"Ta' l-Istilla l-ewwel banda,*
*Minn ta' l-Ajkla milħuqin,*
*Fil-armar l-Ajklieri l-aqwa,*
*B'nies tas-sengħa miżgħudin."*

(Ta' l-Istilla huma tal-Banda San Filep, waqt li Ta' l-Ajkla huma tal-Banda De Rohan, kif għadhom magħrufin sal-lum ġo Ħaż-Żebbuġ.)

Saħansitra kienu anke jinku lil tal-Banda San Filep proprju bid-difett fiżiku li kellu Indrì Borg b'din it-taqbila inkejjuża:

*"Il-Ħanżira kellha tnax,*
*wieħed għama ma redax."*[4]

(In-numru tnax jirreferi għat-tnax ta' Mejju, il-jum liturġiku ta' San Filep filwaqt li l-għama huwa proprju Indrì Borg.)

Dan l-għidut popolari juri li wkoll il-partitarji antiki tal-Banda De Rohan kienu jassoċjaw lil Indrì Borg mal-Banda San Filep!

## Għaliex ma jreġix l-argument tal-Banda De Rohan?

Fir-rivista annwali 2004, paġna 97 it-teżorier u PRO tal-Każin San Ġużepp u Banda De Rohan fl-artiklu ntitolat *L-Ewwel Banda fl-1860* jispjega għaliex din is-Soċjetà ssostni li hija l-banda ta' l-1860. Huwa bbaża l-argument fuq: (1) kitbiet ta' diversi awturi li jirreferu għat-twaqqif ta' banda fl-1860; (2) Il-biografija ta' Filippo Galea; (3) kitbiet li dehru f'ġurnali fis-snin bikrin ta' l-għoxrin seklu; (4) il-Guida Generale; u (5) taqbila.

Ħalli nifluhom wieħed wieħed.

(1) Jissemmew Pietru Pawl Castagna, Dun Salv Ciappara, Luret Vella, Mons. L. Cachia, Dun Salv Caruana u Mariella Attard. X'jgħidu u x'jippruvaw dawn l-awturi dwar din il-kwistjoni?

- F'paġna 94 tal-ktieb tiegħu *Storia del Zebbug e Sua Parrocchia* mitbugħ fl-1882, Dun Salv Ciappara jgħid li fl-1860 l-ewwel Mro. Andrea Borg u warajh Mro. Angelo Galea waqqfu skola tal-mużika kull wieħed u minnhom iffurmaw fi żmien qasir żewġ baned ġo Ħaż-Żebbuġ.
- P.P. Castagna, f'paġna 248 tat-tielet volum tal-ktieb *Storia ta Malta bil-Gżejjer Tagha* mitbugħ fl-1890, l-ewwel itemm il-lista ta' 36 baned Maltin, miġburin skond ir-raħal, fejn ġo Ħaż-Żebbuġ isemmi: *San Filippo – Dir. Goac. Galea*; *Rohan – Dir. Lor. Gatt* u aktar l-isfel jiddikjara: *L'ewel Banda Nazionali saret f'Ħaz-Zebbuġ mil tant imsemmi Vallettan Mastr'Indrì Borg fl'1860. Dan kien il Bidu ta kem Baned saru li għad isiru. Sitt xhur wara, l'istess Indrì ifforma it-tieni Banda fir-Rabat ta L'Imdina u 'l Band Master Galea (is-Sur Mastru u li semmiena, rama it-tielet f'Ħaż-Żebbuġ ucol).* (Qed jirreferi għal Mro. Angelo Galea. Din il-banda mwaqqfa minn Mro. Galea ma kellhiex ħajja twila.)


— 249 —

Zebbug | 20 San Filippo—Dir. Giov. Galea. / 21 Rohan—Dir. Lor. Gatt.

Zurrieq 26 Il Cavaliere—Dir. Carm. Zammit.

Nazaro 29 La Pace—Dir. Gav. Camilleri.

Musta 32 Nicolò Isouard—Dir. Eman. Camilleri.

Nadur 36 Calypso—Dir. Fran. Decesare.

L'ewel Banda Nazionali saret f'Haz-Zebbug mil tant imsemmi Vallettan Mastr'Indrì Borg fl'1860.

Ħadd minn dawn iż-żewġ awturi ma jsemmi isem din l-ewwel banda nazzjonali – ħaġa daqsxejn stramba l-aktar fil-każ ta' Castagna li kien għadu kemm semma ż-żewġ baned ta' Ħaż-Żebbuġ b'isimhom fl-istess paġna. Il-kittieba l-oħra indikati fl-artiklu tal-ktejjeb tal-festa ta' San Ġużepp 2004 kollha jikkwotaw dan iż-żewġ kitbiet bla ma jagħtu ħjiel dwar liema miż-żewġ baned ta' Ħaż-Żebbuġ setgħet kienet dik ta' l-1860. Ħadd minn dawn il-kittieba ma jorbot il-banda ta' l-1860 mal-Banda de Rohan tal-lum jew mal-Banda del Żebbuġ ta' qabilha. Minkejja dan l-artikolista tal-Banda De Rohan jippreżentahielna bħal li kieku kien fatt ippruvat li ta' l-1860 kienet il-banda li jappartjenu fiha.

Mariella Attard tikkwota hekk lil Filippu Azzopardi (1886-1987) f'intervista li kien ta lilha: "*Jien niftakar każin wieħed, banda waħda ('di San Filippo'). Imbagħad qabad il-partit. Xi erbgħa qabdu jsaħħnu n-nies u beda l-partit ta' San Ġużepp. Il-partit inqasam fi tnejn. Ta' San Filep żbaljaw għax ħarġu mill-każin tagħhom u għamlu każir ieħor. Bdew isiru żewġ festi.*" It-teżorier u PRO tal-Każin San Ġużepp u Banda De Rohan ġab it-tieni parti ta' din il-kwotazzjoni biex isaħħaħ argument dwar qasma fil-Każin ta' San Filep iżda ħalla barra l-ewwel parti – li titfa' ħafna dawl dwar ġo liema Soċjetà Mużikali kienet teżisti firda dak iż-żmien u iżjed minn hekk fuq liema banda kienet teżisti l-ewwel ġo Ħaż-Żebbuġ. Meta twieled Filippu Azzopardi fl-1886, ġo Ħaż-Żebbuġ kien hawn żewġ Soċjetajiet Mużikali stabbiliti: is-*Societa Filarmonica San Filippo D'Aggira – Casino Indipendente*, u *Societa Filarmonica del Zebbug – Casino San Filippo*. ***Dan kien riżultat tal-kwistjoni tal-mużika fil-knisja fil-festa ta' San Filep, li ġrat snin qabel, meta uħud mill-bandisti telqu mill-Banda S. Filippo u ffurmaw banda oħra. Fis-Societa Filarmonica San Filippo qatt ma kien hemm kwistjonijiet bejn il-festa tat-titular u dawk sekondarji li kienu jiġu ċċelebrati fil-parroċċa. Anzi kienet teżisti relazzjoni tajba ħafna bejniethom.***

Il-partit li jirreferi għalih Filippu Azzopardi fforma fi ħdan is-*Societa Filarmonika del Zebbug – Casino San Filippo* li spiċċat biex inqasmet fi tnejn. Dawn li kienu jappartjenu lill-*Casino San Filippo* ħarġu mis-Soċjetà u għal ftit taż-żmien baqgħu każin għalihom, sakemm wara ngħaqdu mas-*Societa Filarmonica San Filippo D'Aggira – Casino Indipendente*. Il-kumplament li kienu

baqgħu fis-*Società Filarmonica del Zebbug* bdew jissejħu *Ġużeppini*. Minn hawn 'il quddiem is-*Societa Filarmonica San Filippo D'Aggira – Casino Indipendente* u l-Casino San Filippo saru sinonimi mas-*Societa Filarmonica San Filippo*. Dan ġara għaliex din ta' l-aħħar kienet f'qagħda ferm aħjar ta' organizzazzjoni u aktar influwenti fir-raħal waqt li l-Għaqda Mużikali l-oħra kienet tinsab fi kriżi. Għalhekk Filippu Azzopardi qal li jiftakar każin wieħed u banda waħda – *di San Filippo*. ***Skond Filippu Azzopardi – li jidher li huwa kredibbli minn kulħadd – meta ġo Ħaż-Żebbuġ kien hawn banda waħda din kien jisimha Banda di San Filippo – l-istess waħda li tissemma fir-reġistri tal-parroċċa sa mill-1851.***

(2) Il-biografija ta' Filippo Galea, *compilata sopra documenti e ricordi da un filarmonico* ssemmi biss avvenimenti li dwarhom sab dokumentazzjoni dan l-ammiratur ħabib li ffirma biss bħala T.M.S. Diġà indikajt aktar 'il fuq li l-fama ta' Filippo f'Malta ħadet tard ħafna – x'aktarx għax qatta' l-parti l-kbira ta' ħajtu jsiefer mal-militar Ingliż. Għalhekk mhix sorpriża li l-ħidma tiegħu bħala ġuvnott ġo raħal twelidu ma ġietx innotata jew dokumentata. Lanqas ma hi sorpriża li min ikkompila din il-biografija ma kienx jaf b'dak li hemm miktub fir-reġistri tal-parroċċa għax milli jidher dan it-tagħrif reġa' sar magħruf daqs sebgħin sena wara li nkitbet din il-biografija. Fatt relevanti li ħareġ minn din l-biografija kien li fl-1851, Filippo ma siefirx mar-reġiment tiegħu għax kien se jiżżewweġ dik is-sena.

Ta' min jinnota li sa ftit snin ilu l-istess artikolista li llum huwa teżorier u PRO tal-Każin San Ġużepp u Banda De Rohan kien jikkwota din il-biografija biex juri li Mro. Filippo Galea ma setax waqqaf banda fl-1851 għax ir-reġiment tiegħu f'dik is-sena kien siefer lejn l-Indja u allura Mro. Filippo Galea ma kienx Malta dik is-sena. Dan l-argument waqaf meta ġbidna l-attenzjoni li l-istess biografija tgħid ukoll illi minħabba li kien se jiżżewweġ dik is-sena Filippo ma marx mar-reġiment tiegħu.

(3) Inġabu diversi siltiet minn kitbiet li dehru f'ġurnali fis-snin bikrin ta' l-għoxrin seklu, fl-1924 u fl-1927. Li ma ntqalx huwa li l-awturi tagħhom kienu diriġenti tal-Banda De Rohan li riedu jmexxu t-teżi li tagħhom kienet il-banda ta' l-1860. Tajba din! Jikkwotaw lilhom infushom bi prova ta' dak li jgħidu huma stess! Fis-snin għoxrin tas-seklu XX, is-surmast direttur tal-Banda De Rohan kien ta' spiss jikteb biex iħabbar attivitajiet u jfaħħar il-banda tiegħu fil-ġurnali. Hekk per eżempju fl-ewwel seba' xhur tas-sena 1924 fil-ġurnal *Malta Tagħna* dehru sitt ittri bħal dawn, il-biċċa l-kbira miktubin minn Giuseppe Busuttil, Mro. Direttore tal-Banda Rohan (19 ta' Jannar, 2 ta' Frar, 15 u 22 ta' Marzu, 12 ta' April u 19 ta' Lulju). ***B'kuntrast qawwi ma' dan ma dehret l-ebda ittra dwar il-festa ta' San Filep. Ir-raġunijiet għal dan jistgħu jkunu diversi u wieħed ma jridx wisq biex jasal għalihom.***

(4) Il-*Guida Generale* li bdiet toħroġ fl-1881 issemmi banda waħda f'Ħaż-Żebbuġ sa l-1893. Mela allura l-artikolista tal-Banda de Rohan iridna nikkonkludu li din biss kien hawn f'dawk is-snin ġo raħalna? Allura b'dan ir-raġunar, il-festa ta' San Filep fis-sena 1924 ma saritx għax ma ssemmitx fil-*Malta Tagħna*! Fil-verità kull ma jfisser huwa illi ħadd m'għadda informazzjoni lill-editur tal-*Guida Generale* dwar il-Banda San Filep, u dan min-naħa tiegħu ma ħax interess ifittex hu informazzjoni bhal din biex jipprovdi tagħrif sħiħ lill-qarrejja tiegħu. Dan kitbu Robert Mifsud Bonnici f'*Il-Berqa* ta' l-10 ta' Ġunju 1959 fejn qal hekk: *il-'Guida Generale' ma tistax torbot fuqha bħala dokument għar-raġuni li tani s-Sur Ġużè Muscat tal-Pronostku Malti; jiġifieri ħafna mill-baned u soċjetajiet oħra mhux dejjem jagħtu tagħrif dwarhom.*

(5) Bħala konklużjoni ta' l-artiklu *L-Ewwel Banda fl-1860* ġabulna taqbilha ta' żewġ strofi li kif inhi impustjatha tagħtik x'tifhem li hija ta' l-artikolista nnifsu u li biha bħal speċi jikkonferma t-teżi tiegħu stess! Naturalment mhix għajr espressjoni ta' xewqa jew aħjar ħolma ta' min kitibha – mhux bħat-taqbiliet li semmejna aktar 'il fuq li bihom tal-Banda De Rohan kienu jinku lil tal-Banda San Filep fl-antik.

## Osservazzjonijiet u Konklużjoni

(a) Ta' min wieħed jagħmel distinzjoni importanti bejn dokumenti u ktieb. Ta' l-ewwel jagħti fatti preċiżi, ippruvati u verifikati. Tat-tieni jagħti dak li jaħseb l-awtur dwar xi suġġett bil-mod kif jaf jippreżentah hu. L-informazzjoni li nsibu fil-kotba għalkemm normalment tkun viċin il-verità mhux dejjem tkun preċiża u eżatta. Iż-żewġ kotba msemmija ta' Ciappara u ta' Castagna huma proprju hekk: **kotba u mhux dokumenti**. Bħala tali huwa suġġett għad-difetti msemmija. It-tnejn jonqsu li jsemmu dettalji importanti dwar il-banda li jgħidu li kienet l-ewwel waħda Nazzjonali f'Malta. Barra minn hekk wieħed minn dawn l-awturi kkwota dak li kien kiteb l-ieħor dwar dan is-suġġett.

(b) Il-ktieb ta' P.P. Castagna kien ippubblikat fl-1890 u jittratta kważi fuq kull aspett tal-ħajja u l-istorja Malrija. Ma jistax jonqos li għal ġabra ta' informazzjjoni hekk kbira kellu joqgħod mhux biss fuq dak li sar jaf hu direttament imma wkoll fuq dak li għaddewlu nies oħra. Tgħid għalhekk il-kitba tiegħu dwar it-twaqqif taż-żewġ baned fl-1860 minn Indrì Borg (1818-1903), fosthom l-ewwel *banda nazzjonali* hija xotta ħafna mid-dettalji? Castagna la jagħtina isimha, la kemm kellha bandisti u lanqas ir-raġuni li għaliha sejħilha nazzjonali. Dan ma jfissirx li ma ġarax xi ħaġa partikolari, iżda biss li l-informazzjoni li kellu l-awtur jidher li la kienet diretta (*first-hand*) u lanqas immedjata.

Jidher li sa meta kiteb Castagna (fl-1890), waqt li Mro. Angelo Galea (1806-1890) kien stabbilit u magħruf sewwa f'Malta, ibnu Filippo (1830-1901) ma kienx. Infatti f'paġna 242 Castagna jagħti tagħrif qasir dwar Angelo (inkluż d-dati tat-twelid u l-mewt) iżda ma jsemmi xejn dwar Filippo li kellu diġà sittin sena.

(c) *Ma ninsewx li l-kotba ta' P.P. Castagna u ta' Ciappara ġew mitbugħa bosta snin wara l-1860, (fl-1890 u fl-1882 rispettivament). Sa minn qabel il-ħruġ ta' dawn iż-żewġ kotba, mill-1881, fil-'Guida Generale' beda jidher isem il-'Banda del Żebbuġ'. Li kieku din kienet il-banda ta' l-1860, x'żamm lill-awturi Castagna u Ciappara milli jgħidu dan ċar u tond?*

(d) Huwa ta' interess kumment tal-kittieb u riċerkatur Robert Mifsud Bonnici. Fl-1959 fil-gazzetta *Il-Berqa*, is-Sur (illum Mro.) Henry Camilleri beda jsostni li l-banda ta' l-1860 kienet il-Banda De Rohan. Mill-ewwel irribatih is-Sur Carmelo Chircop li għaduu mimli bl-għomor u li dakinhar kiteb taħt in-nom de plume ta' "ex-bandist". Dawn daħlu f'polemika li minkejja li damet sejra tliet xhur, matulha qatt ma nġabu provi li jorbtu isem il-*Banda De Rohan* (jew *del Żebbuġ*) ma' dik ta' l-1860.

F'nofs din il-polemika, fl-10 ta' Ġunju 1959, kiteb ukoll Robert Mifsud Bonnici li stqarr hekk: *Jien semmejt il-baned żgħar u l-banda formali ta' l-1847 biex nuri li l-banda ta' Indrì f'Ħaż-Żebbuġ imwaqqfa fl-1860, mhix l-ewwel waħda ta' Malta kif qal Castagna.*[6]

Is-Sur Mifsud Bonnici kompla kiteb hekk fl-istess ittra: ***Jiena kont u għadni tal-fehma li l-Banda De Rohan hi mnissla mill-famuż Surmast Anġlu Galea mid-dokument iffirmat minn Tanti li kien president tal-Banda De Rohan u quddiem il-kumitat ta' l-istess banda stqarr li l-Banda De Rohan tagħraf b'missierha lis-Sur Anġ wara li qabel għamel l-ikbar eloġju mistħoqq tassew lilu. Tanti miet fl-1934 meta s-Sur Camilleri kien għadu ma twelidx. Dan id-dokument kien ġie mogħti lili mill-mejjet President, is-Sur David Camilleri, u jien raddejtu lill-president waqt laqgha ta' deputazzjoni fid-dar tiegħi.***
Meta Robert Mifsud Bonnici kiteb dan kien għadu ma ħariġx fil-beraħ dak li hemm miktub fid-dokumenti msemmija ta' l-arkivju tal-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ – li jfisser li hu bbaża l-argument tiegħu fuq xi ħaġa oħra.

(e) Jidhirli li ma nġabet l-ebda prova li tista torbot lill-Banda De Rohan jew lill-predeċessura tagħha l-*Filarmonika del Żebbuġ* mal-banda ta' l-1860 jew ma' Mro. Indrì Borg. Li ntqal kienu biss suppożizzjonijiet. Għall-kuntrarju huwa ppruvat minn dokumenti awtentiċi illi almenu sa mill-1851 f'Ħaż-Żebbuġ kienet organizzata u attiva l-*Banda di San Filippo* u mill-istess dokumenti huma magħrufa anke min kienu d-diriġenti tagħha. **U dan b'mod kontinwu tul medda ta' snin li tibda minn qabel l-1860 u tibqa' ġejja sa żmienna.**

(f) Din il-kontinwazzjoni anke fi żmien bikri tal-ħajja tal-Banda San Filep tkompli tispikka meta tiftakar li iben Indrì Borg stess, is-Surmast Giuseppe kompla fejn ħalla missieru meta fl-1868 sar it-tielet surmast tal-Banda San Filep.

(g) L-artikolista tal-Banda De Rohan jakkużana li qed nippruvaw nipproġettaw l-istorja kif jaqblilna, li qed jippruvaw nidħku bina nfusna u li m'aħniex kredibbli. Għal min jgħoddu dawn l-akkużi jiġġudika l-qarrej. Però ta' min jgħid li f'artiklu f'*The Sunday Times*, ta' l-20 ta' April 2003, paġna 25, tal-Banda De Rohan, fost affarijiet oħra, stqarrew dawn is-suppost *fatti* dwar il-banda tagħhom:
   (i) *The second (Hymn composed by Indrì Borg) was written in 1863 to be played by his own band, the De Rohan Band (referred to in contemporary publications as La Società Filarmonica del Zebbug). In fact this was the only one to play during the feast in honour of St. Philip held in Żebbuġ in those years.*
   (ii) *Borg conducted the De Rohan Band for 12 uears (1860-1872).*

   Fir-realtà fl-ebda ktieb storiku jew dokument ma jidher isem il-*Filarmonica del Żebbuġ* marbut ma' Mro. Indrì Borg. Fil-fatt isem din il-banda beda jissemma fl-1881 fil-*Guida Generale*. Fl-1863 imkien ma jissemma! Għall-kuntrarju l-Banda di San Filippo kien ilha tissemma minn ferm qabel l-1863, u marbuta wkoll ma' Indrì Borg.

   Jekk kif isostnu kien hemm banda waħda biss li kienet iddoqq fil-festa ta' San Filep fi żmien Indrì Borg, allura huwa ċar liema kienet din il-banda: isimha u dak tad-dirigenti tagħha huma dokumenti fir-reġistru tal-parroċċa diġà msemmija. Skond dan id-dokument Indrì Borg fl-1861 tħallas f'isem il-Banda di San Filippo.

(h) Huwa żgur li l-Banda San Filep hi l-eqdem banda Maltija fost dawk eżistenti u li tul il-medda ta' aktar minn mija u ħamsin sena baqgħet kontinwament tagħti sehemha sal-ġurnata tal-lum. ***Bħala Żebbuġin għandna nħossuna kburin li jezisti rikonoxximent nazzjonali li l-ewwel banda ta' Malta twaqqfet f'Ħaż-Żebbuġ. Iż-żewġ baned in kwistjoni għandhom storja twila u glorjuża, huma organizzati tajjeb u attivi. It-tnejn għandhom dmir li jkomplu jżommu ġieħ Belthom għoli billi jkomplu jistinkaw fl-isfera tagħhom waqt li jġibu rispett lil xulxin, u lill-verità, li ma jista' jmeriha ħadd.***

1 *Esito Venere Lampada (1855-1859)* f'53, Arkivju tal-Parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ.
2 Salv Caruana, *Il-Palk Skorfina*, 12th May Band & Social Club Pubblikazzjoni speċjali, 31/05/1997.
3 *Grande Introito Legate Venere Lampada (1860-1869)*, Arkivju tal-Parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ.
4 Mariella Attard, *Ħaż-Żebbuġ u l-Festa ta' San Filep*, 1985, p.62.
5 *Ibid.*, appendiċi 17, p.97.
6 Robert Mifsud Bonnici, *Storja tal-Mużika f'Malta u Għawdex*, p.13.
L-awtur ġab ritratt ta' inċiżjoni li juri banda ddoqq fil-Belt Valletta nhar it-18 ta' Diċembru 1847 bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet f'ġieħ Rt. Hon Richard More O'Ferrall li kien għadu kemm inhatar bħala Gvernatur. Il-bandisti lebsin eleganti bis-surtun, kienu jidhru qed idoqqu maġenb palk elaborat. Sfortunatament la hu magħruf isem il-banda u lanqas x'sar minnha.